

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11509/23

ECOFIN 742
UEM 227
SOC 524
EMPL 371

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11404/23	
Suġġett:	Analiżi fil-fond tal-2023 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku – Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2023

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżi fil-fond tal-2023 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, kif approvati mill-Kunsill fit-3964 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Lulju 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ANALIŻI FIL-FOND TAL-2023
SKONT IL-PROĊEDURA TA' ŻBILANĊ MAKROEKONOMIKU

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. IFAKKAR li l-ekonomija tal-UE qed tkompli turi reżiljenza minkejja ambjent diffiċli kkaratterizzat mill-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russja, bi prezzijiet tal-enerġija għoljin u inflazzjoni li jaffettwaw il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u l-kompetittività permezz ta' żieda fil-protezzjoniżmu u l-kompetizzjoni ġeopolitika. JIRRIKONOXXI l-irkupru robust ta' wara l-pandemija, grazzi għal azzjonijiet ta' politika rapidi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali u r-rwol ewlieni tal-politiki tal-UE fl-appoġġ ta' prestazzjoni tal-investiment soda u progress fir-riformi strutturali f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika.
2. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u effettiva tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) permezz tar-riformi u l-investimenti skedati fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, li tippermetti l-użu tal-finanzjament disponibbli, hija kruċjali. Din tappoġġa l-espansjoni ekonomika, iżżid ir-reżiljenza, l-inklużività u s-sostenibbiltà tal-ekonomiji tal-UE, u tnaqqas il-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi.
3. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-koordinazzjoni kontinwa mill-qrib tal-politika ekonomika tal-UE, u tal-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jxekklu l-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji tal-Istati Membri, l-Unjoni Ekonomika u Monetarja jew l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea inġenerali. JILQA' l-pubblikazzjoni tal-analiżi fil-fond tal-2023 fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

4. JIRRIKONOXXI li l-iżviluppi ekonomiċi huma ġeneralment favorevoli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri taħt analiżi fil-fond, iżda li għad fadal sfidi sinifikanti għal diversi Stati Membri. JIRRIKONOXXI li l-kompetittività tal-kostijiet tista' tiddgħajef fl-Istati Membri b'inflazzjoni għolja jekk id-dinamika inflazzjonarja diverġenti ssir persistenti. JINNOTA li l-iżbilanċi li ilhom jeżistu relatati ma' djun pubbliċi, privati u esterni għoljin reġġu bdew jonqsu, f'kuntest ta' tkabbir nominali għoli. JINNOTA li l-issikkar tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament iżid ir-riskji u li huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li l-livelli tad-dejn jibqgħu jonqsu. JIEĦU NOTA li l-pożizzjonijiet esterni tipikament iddgħajfu minħabba xokk fil-prezzijiet tal-importazzjoni tal-enerġija, b'żieda fid-domanda domestika li tikkontribwixxi aktar f'xi każijiet. JINNOTA li l-bilanċi tal-kontijiet attwali huma mistennija li jissaħħu fl-2023, minħabba tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija.
5. JIRRIKONOXXI li l-prezzijiet tad-djar żdiedu b'mod qawwi f'diversi Stati Membri fl-2022; kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti flimkien ma' tnaqqis fl-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi naqqsu d-domanda għall-akkomodazzjoni u bdew korrezzjoni fil-prezzijiet tad-djar. JAQBEL li s-settur bankarju rnexxielu jegħleb il-pandemija sew u li s-self li ma jrendix baqa' jonqos, iżda JINNOTA li hija meħtieġa viġilanza sostnuta biex tiġi żgurata stabbiltà makrofinanzjarja kontinwa.
6. JAPPELLA għal viġilanza u azzjoni politika f'waqtha, kif meħtieġ, biex jiġu evitati d-deterjorament u l-emerġenza ta' żbilanċi makroekonomiċi relatati ma' differenzjali għolja fl-inflazzjoni. JISSOTTOLINJA l-urġenza li jiġu indirizzati l-isfidi strutturali relatati mat-tixjiħ tal-popolazzjoni u t-tibdil fil-klima, li tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-UE, li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, li jiġi indirizzat it-tkabbir baxx tal-produttività, li tiġi promossa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, li jitnaqqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi eżistenti u li jiġi evitat il-ħolqien ta' żbilanċi ġodda.

7. JAQBEL mal-analiżi tal-Kummissjoni fir-reviżjonijiet fil-fond tal-2023 li l-Irlanda u l-Kroazja m'għadhomx jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi. JIRRIKONOXXI li f'Ċipru d-djun pubbliċi, privati u esterni naqsu maż-żmien u matul l-aħħar sentejn u b'mod ġenerali jinsabu fuq perkors ta' tnaqqis. JAQBEL li l-Ungerija issa qed tesperjenza żbilanċi relatati ma' pressjonijiet qawwija ħafna fuq il-prezzijiet, u ħtiġijiet ta' finanzjament estern u tal-gvern, li jeħtieġu azzjoni politika urġenti. Żborż f'waqtu tal-RRF u ta' fondi oħra tal-UE, wara t-tlestija tal-istadji importanti u l-miri miftiehma marbuta mal-investimenti u r-riformi, jgħin biex jitnaqqsu r-riskji ta' deterjorazzjoni tal-iżbilanċi. JIEĦU NOTA li l-Kummissjoni ma bidlitx il-biċċa l-kbira tal-klassifikazzjonijiet. JAQBEL li l-Greċja u l-Italja għadhom qed jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi, għalkemm il-vulnerabbiltajiet tagħhom jidhru li qed jonqsu, inkluż minħabba l-progress fil-politika. JAQBEL li Franza, il-Ġermanja, , in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u l-Iżvezja għadhom qed jesperjenzaw żbilanċi, għalkemm għal xi Stati Membri, dawn l-iżbilanċi qed jonqsu. JIRRIKONOXXI li l-klassifika ta' Franza, il-Ġermanja, il-Portugall u Spanja tista' titjeb is-sena d-dieħla jekk ikomplu x-xejriet pożittivi attwali. JAQBEL li għar-Rumanija r-riskji jxaqilbu 'l isfel, u dan jirrikjedi azzjoni politika urġenti. JIRRIKONOXXI li l-analiżi fil-fond tal-2023 ikkonkludiet li ċ-Ċekja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu u s-Slovakkja mhumieq qed jesperjenzaw żbilanċi peress li l-vulnerabbiltajiet jidhru li huma kkontrollati.
8. IQIS li l-analiżi fil-fond tal-2023 tippreżenta analiżi ta' kwalità għolja u komprensiva tas-sitwazzjoni f'kull Stat Membri taħt analiżi. JILQA' n-noti tematiċi multilaterali bikrija dwar id-differenzjali tal-inflazzjoni, il-prezzijiet tad-djar u s-sostenibbiltà esterna qabel il-valutazzjoni speċifika għall-pajjiż. JINNOTA li l-Kummissjoni użat għodod analitiċi rilevanti, ikkomplementati minn analiżi kwalitattiva sostantiva, bil-ħsieb tal-isfidi speċifiċi ta' kull ekonomija. JILQA' ż-żieda fl-importanza ta' analiżi li tħares 'il quddiem u l-valutazzjoni ta' politiki rilevanti. JISSOTTOLINJA r-rilevanza għolja kontinwa tal-valutazzjoni tal-effetti konsegwenzjali bejn il-pajjiżi.

9. JISSOTTOLINJA li l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku hija proċedura ċentrali fi ħdan is-Semestru Ewropew. JENFASIZZA l-importanza tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika li għaddej bħalissa. JAPPELLA li titkompli l-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, inkluż il-monitoraġġ mill-qrib tal-iżbilanċi ġodda eżistenti u ta' dawk emerġenti possibbli, bl-użu ta' approċċ li jħares 'il quddiem, u tal-progress u l-ħtiġijiet tal-politika. JIRRIKONOXXI li l-analiżi fil-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għandha tiġi żviluppata sabiex tittejjeb id-dimensjoni taż-żona tal-euro tal-proċedura. JENFASIZZA l-importanza ta' analiżi multilaterali komprensiva regolari u f'waqtha tal-iżbilanċi makroekonomiċi u l-ħtieġa li tiġi inkorporata aktar analiżi tas-sensittività biex jiġi kkunsidrat l-ambjent globali dejjem jinbidel, imprevedibbli u diffiċli.
10. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa urġenti li jerġa' jibda l-kalendarju tradizzjonali tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari l-pubblikazzjoni ta' analiżi fil-fond fl-ewwel kwart tas-sena. Dan huwa indispensabbli biex jiġi żgurat djalogu politiku sostanzjali u diskussjonijiet multilaterali dwar l-isfidi ta' politika identifikati. JENFASIZZA li t-titjib tal-viżibbiltà tal-Proċedura u komunikazzjoni ċara tal-eżitu huma kruċjali.
11. ITENNI li l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għandha tintuża sal-potenzjal sħiħ tagħha, inkluża l-attivazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv, fejn xieraq, u li s-sjieda, il-prevedibbiltà, it-trasparenza, it-trattament ugwali u l-infurzar għandhom jissaħħu. JINNOTA li fiċ-ċirkostanzi attwali, il-Kummissjoni qieset li mhuwiex xieraq li tniedi l-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv. ISOSTNI li kull meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru qed jesperjenza żbilanċi eċċessivi, iżda ma tipproponix lill-Kunsill il-ftuħ tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv, din għandha tispjega r-raġunijiet tagħh b'mod ċar u pubblikament. Fil-kuntest tal-iżgurar ta' sjieda nazzjonali u livelli adatti ta' sorveljanza multilaterali, JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi allokat l-ammont ta' żmien meħtieġ għat-tħejjija bikrija tad-dokumenti rilevanti u għad-djalogu politiku meħtieġ fil-qafas tas-Semestru Ewropew. JAPPELLA għal azzjoni politika kontinwa għat-tnaqqis tal-iżbilanċi u għall-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet. JENFASIZZA l-importanza ta' rabta b'saħħitha u ċara bejn l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.